# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Ir-4 Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena B

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tar-raba' Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nitolbu lil Alla jgħinna biex nkunu bnedmin aħjar.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Dewt 18, 15-20)
Alla jagħżel lill-profeti biex iwasslu l-kelma tiegħU lill-bnedmin.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9)
Mhux li kontu llum tisimgħu leħen il-Mulej. La twebbsux qalbkom.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 7, 32-35)
San Pawl jistieden sabiex il-ħsibijiet tagħna jkunu fil-ħwejjeġ ta' Alla.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 1, 21-28)
Ġesù kien jgħallem permezz tas-setgħa ta' Alla Missieru.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
L-umiltà hi xi ħaġa essenzjali fil-ħajja nisranija tagħna. Ejjew għalhekk inpoġġuha fil-prattika f'dan il-mument ukoll permezz tal-offerti tagħna lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-għixien tal-faqar fl-ispirtu jimplika l-aċċettazzjoni ta' Alla fil-ħajja ordinarja. Ejjew ukoll f'dan il-mument naċċettaw lil Alla f'ħajjitna billi nirċevuh f'qalbna.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.